

Il-baġit tal-UE: kif jista' jsir iktar effiċjenti u flessibbli

Il-baġit tal-UE kien ikkritikat għal snin talli jiddependi żżejjed fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u talli huwa wisq inflessibbli meta jinqalgħu kriżijiet mhux mistennija. Il-Membri tal-PE ddiskutew il-kwistjoni mas-sħab soċjali nazzjonali tagħhom matul konferenza dwar kif jiġi ffinanzjat il-baġit tal-UE fis-7 u t-8 ta' Settembru. Il-maġġoranza tal-membri tal-Bord qablu li tinħtieġ riforma sabiex tiżgura aktar trasparenza u effiċjenza.

Fl-2014, inħoloq [Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Propriji](#) biex joħroġ b'soluzzjonijiet għall-finanzjament futur tal-UE sa Diċembru 2016. Din kienet xi ħaġa li l-Parlament insista għaliha matul in-negozjati dwar il-baġit fit-tul attwali tal-UE. Il-grupp huwa ppresedut mill-ex Kummissarju Mario Monti u l-membri tiegħu huma maħtura mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

Il-konferenza ospitata mill-Parlament fi Brussell hija opportunità għall-Membri tal-PE u għar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjoni. Il-kummenti tagħhom se jiġu kkunsidrati mill-Grupp ta' Livell Għoli meta jabbozza r-rapport finali tiegħu.

Taħlita ta' eċċezzjonijiet

Fid-diskors tiegħu waqt il-Konferenza, il-Membru tal-PE Belġjan Guy Verhofstadt, President tal-Grupp Parlamentari ALDE u membru tal-grupp ta' livell għoli, stqarr li l-baġit fit-tul tal-UE nbidel "f'taħlita inkomprensibbli ta' 53 eċċezzjoni". Għal din ir-raġuni hemm bżonn li tieqaf din il-logħba irrazzjonali peress li ma għadniex nitkellmu dwar l-interessi tal-UE. Verhofstadt innota wkoll li l-parlamenti nazzjonali kellhom f'it kontroll fuq il-pożizzjoni tan-negozjati tal-gvernijiet tagħhom.

Ivailo Kalfin, ex Membru tal-PE, li huwa wkoll membru tal-Grupp ta' Livell Għoli, qal li sa tmiem in-negozjati tal-baġit fit-tul attwali fl-2013 irriżulta li għadd ta' kriżijiet ma setgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat. Huwa qal li "Ma hemm l-ebda flessibilità u dan mhuwiex użu tajjeb tal-baġit".

L-Ewroxtiċiżmu

Joachim Poß, Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlament Ġermaniż, enfasizza l-ħtieġa għal riżorsi ġodda, billi stqarr li kienet kwistjoni ta' rieda politika: "Il-problemi hemm għadhom. Nistgħu jew nindirizzaw il-kwistjonijiet ambjentali, tal-migrazzjoni u kwistjonijiet oħra flimkien jew inkella fuq livell nazzjonali. Madankollu, l-approċċ nazzjonalista mhu se jwassalna mkien."

Jörgen Andersson, Membru tal-Kumitat għall-Finanzi tal-Parlament Svediż, stqarr li l-baġit instiga l-Ewroxxetiċiżmu. Madankollu, il-gvern tiegħu huwa xettiku dwar il-proposti għat-tneħħija tal-kompetenzi fiskali mill-parlamenti nazzjonali. Minflok, l-istimolu u l-promozzjoni tat-tkabbir fl-UE awtomatikament iżidu l-baġit u dan għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Tinħtieġ sistema aħjar

Il-Parlament Ewropew ilu żmien twil jinsisti għal bidla radikali fil-mod ta' kif l-UE hija ffinanzjata. L-objettiv tar-riforma mhuwiex li [jiżdied il-livell tal-infiq tal-UE](#), iżda li jiġi evitat li ħafna minnu jiġi minn kontribuzzjonijiet diretti mill-pajjiżi tal-UE abbażi tal-introjtu nazzjonali gross tagħhom. Dan is-sors ġie introdott għall-ewwel darba lejn l-aħħar tas-snin tmenin bħala sors komplementari ta' introjtu iżda kiber biex jirrappreżenta madwar 80 % tal-baġit.

Ġew miżjuda wkoll mas-sistema għadd ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni bħalma huma r-rifużjonijiet għal xi Stati Membri, li jagħmlu l-kontribuzzjoni totali għal kull Stat Membru diffiċli biex titkejjel.

Għal aktar informazzjoni

[Filmat tal-ewwel ġurnata tal-konferenza](#)

[Aktar dwar il-konferenza dwar il-finanzjament futur tal-UE](#)

[Storja ewlenija dwar il-baġit fit-tul tal-UE](#)

[Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-riżorsi proprji](#)

Jista' jkun hemm modi aħjar biex jiffinanzjaw lill-UE? ©AP Images/ European Union-EP



Martin Schulz: “Għandna bżonn aktar trasparenza u r-riżorsi tagħna”

<http://www.europartv.europa.eu/en/player.aspx?pid=fedacf22-c49f-4044-9823-a6780093c1dc>